**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 40** **IT-TLIETA 24 TA' AWWISSU 2010**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 24 ta' Awwissu 2010 fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi, Jason Busuttil, Thomas Harmsworth, Margaret Mercieca, Angelo Briffa, Simon Vella Gregory, Ralph Puli u Jeffrey Camilleri li daħal għas-seduta fis-7.15pm.

Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil u l-Kunsillier Dennis Zammit infurmaw li ma setgħux jattendu għal-laqgħa minħabba safar.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**40/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 39**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 39 li nżammet nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju 2010, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 39 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**40/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**40/02/01** **Is-Sindku rrefera** għall-paragrafu 38/06 RAPPORTI – PROGRAMM TA' NDAFA, numru 3 - Proposti għal Siti ġodda ta' Bring-in Sites mill-Green Mt. Huwa nforma li l-proposti mressqa mill-Kunsill sabiex jitwaqqfu l-għaxar Bring-in sites kienu approvati u l-ewwel tmien siti, dawk min-numru 2 sa 9 kienu mwaqqfa. Il-Kunsill kien infurmat li t-twaqqif tal-kumplament tal-bring-in-sites sejjer jitkompla kif tasal kunsinna oħra ta' *bins*. Id-dokument dwar is-Siti Ġodda tal-Bring-in Sites tpoġġa fuq il-mejda għall-attenzjoni tal-Kunsill. **DOK 'A1'**

**40/02/02** **Is-Sindku** għamel riferenza għall-paragrafu 37/05 AUDIT REPORT U FINANCIAL STATEMENTS 2009, artiklu c) Ittra tas-Sindku lill-Awditur Ġenerali b'risposta għall-ittra ta' Direzzjoni mill-Awditur, fejn f'paragrafu 2 taħt *Property, plant and equipment* dwar il-*Plant Register*, it-*tagging tal-Fixed Assets* u l-*Updating tal-Plant Register*: Huwa nforma li matul dawn ix-xhur sar xogħol estensiv fuq dawn il-punti kollha. U għalhekk ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill eżerċizzju li nħadem dwar l-inventarju ta' l-assi fissi fejn ġew identifikati dawk l-oġġetti fil-lista li m'għadhomx fil-bini tal-Kunsill, u dan sabiex ikun approvat it-tneħħija tagħhom mir-reġistru, skond il-Proċeduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), Paragrafu 1.16b. Il-Kunsill approva l-lista annessa unanimament u nnota t-tagħrif mogħti. **DOK 'A2'**

**40/02/03** **Is-Sindku** rrefera għall-azzjoni li qed jieħu l-Kunsill dwar passi kontra l-abbużi li qed iseħħu dwar rimi ta' skart. Huwa nforma li sar l-ewwel eżerċizzju bit-tħaddim ta' Gwardjani pajżana bejn il-17.00hrs u l-22.00hrs, fi Triq il-Helsien (qrib is-*central strip*), mar-*Roundabout* faċċata tal-*Qormi Health Centre*, u ħdejn il-*Bring-in Sites* fi Triq Guze Duca. Għalkemm din l-operazzjoni ma tantx kienet suċċess, kif irrapurtaw l-istess gwardjani, għaliex mill-ewwel malli waslu fil-post, il-Gwardjani sabu li kien hemm ruxxmata ta' boroż fuq il-post. Effettivament, wara li waslu l-Gwardjani ma kienx hemm aktar depożitu ħlief wieħed li kien irrappurtat.

Għalhekk is-Sindku ppropona lill-Kunsill li dan l-eżerċizzju jitkompla bit-tħaddim tal-gwardjani jibda jsir f'ħinijiet oħra matul il-ġurnata, skont l-esiġenzi u jitkompla f'postijiet oħra identifikati, fejn qed isir abbuż ta' rimi ta' skart, *bundling* jew ħruġ ta' skart f'ħinijiet irregolari. Kopja tar-rapport anness kien imressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill. **DOK 'A3'**

**40/02/04** **Is-Sindku** aċċenna għall-artiklu 39/05 - PROĠETT KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2010 li ntgħażel u ngħata 10,000 ewro f'fondi biex jitwettaq dan il-proġett ta' tisbiħ tal-lokalita'. Hu nforma li se jinbeda x-xogħol kif approvat fil-proġett sabiex jitlesta fiż-żmien stipulat mid-Dipartiment. Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li ħarġu l-applikazzjonijiet għal żgħażagħ taħt it-tmintax-il sena sabiex jitkompla dan il-Proġett Kunsill Lokali taż-Zgħażagħ matul is-sena 2011. Is-Sindku nforma li kien avviċinat minn Kumpanija privata li hija nteressata tagħmel proġett pilota fil-lokalita'. Għalhekk kien qed iressaq l-informazzjoni kollha

għall-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jitkomplew id-diskussjonijiet ma' din il-kumpanija.

40/02/05 **Is-Sindku** ppropona li tibda l-preparazzjoni meħtieġa għall-ħruġ tat-tender għat-tiġdid tal-polza ta' l-assigurazzjoni ta' l-propjeta', tal-equipment, tal-impjegati u tal-Membri tal-Kunsill eċċ, kif ukoll tat-tender għall-Servizz ta' tindif tal-Bini tal-Kunsill. Kien maqbul li t-tieni tender tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Ottubru. Il-Kunsill approva unanimament il-ħruġ ta' dawn iż-żewġ tenders.

40/02/06 Il-Kunsillier Thomas Harmsworth staqsa kif jipproċedi l-Kunsill dwar il-bin-safra li tawħ mill-isptar, fejn fiha ġabar is-siringi kollha li uża, u kif jiddisponi minnha, meta mill-isptar infurmawh li m'għadhomx jiġbruhom, u talbuh jirreferi lill-Kunsill. Il-Kunsilliera Margaret Mercieca infurmat li kienet sejra tivverifika mal-Ministeru tas-Saħħa dwar x'proċedura għandha tittieħed f'dawn il-każi, u tirreferi lis-Segretarju Eżekuttiv.

## 40/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' LULJU 2010

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2010, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti.

**DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru
**b)** *Bank Payments* Lulju *2010*
**c)** *Petty Cash* Lulju *2010*

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 40/04 TENDERS

### 40/04/01 TENDER DWAR KISI MILL-ĠDID TAT-TOROQ

Is-Sindku ressaq l-ewwel rapport dwar is-sejħa għar-*Resurfacing of Roads* li għaliha ntefgħu tmien offerti. Fir-rapport ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ix-*Schedule of Rates* ta' dawn it-tmien offerti, mqabbla ma' l-ewwel kolonna fejn hemm ir-rati li bihom il-Kunsill qed jaħdem. Is-Sindku nforma li għal fini ta' tqabbil ta' dawn ir-rati kollha, nħadmu numru ta' eżerċizzji fuq xogħol ta' toroq li saru, sabiex iservu ta' tqabbil tar-rati mitfugħa, fejn jirriżulta li r-rati ta' Central Asphalt Limited, Bonnici Brothers Ltd u Asfaltar Contruction kienu l-ewwel tliet offerti l-aktar vantaġġużi. Għalhekk kien qed jirrikmanda li dawn il-kuntratturi jissejħu mill-aktar fis quddiem il-Bord ta' l-għażla sabiex il-

Bord ikun jista’ jivvaluta aħjar ir-rati dawn l-offerti mitfugħa. **DOK 'C1-4'**

Kien hemm qbil li l-Bord tal-Għażla jkun kompost mis-Sindku u mill-Viċi Sindku u mill-Kunsilliera Jeffrey Camilleri, Ralph Puli u Angelo Briffa, flimkien mal-Perit tal-Kunsill, u l-Bord jiltaqa' nhar it-Tnejn fit-3.30pm.

**40/04/02 TENDER RESTAWR U KONSERVAZZJONI TA’ TLIET STATWI BIL-PEDESTALL.**

Is-Sindku ressaq ir-rapport tal-Bord dwar it-Tender Restawr u Konservazzjoni ta’ tliet Statwi bil-Pedestall. **DOK 'C5'**

Il-Bord tal-għażla ltaqa' maż-żewġ kuntratturi li tefgħu l-offerta dwar dan ix-xogħol fejn iż-żewġ offerti huma fuq l-istess livell u min-nies kapaċi f'dan ix-xogħol u għalhekk qed jirrikmanda li dan ix-xogħol jingħata bejn iż-żewġ offerenti sabiex b’hekk il-Kunsill ikun ċert li x-xogħol jitlesta saż-żmien stipulat fil-ftehim mad-Dipartiment, u għalhekk ressaq din il-proposta, li:

1. Is-sinjuri Yvonne u Joseph Farrugia tal-Vaults Co Ltd. jingħataw ix-xogħol ta’ restawr ta' l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, liema xogħol għandu jitlesta sas-7 ta’ Ottubru 2010, filwaqt li

2. Is-sur Jason Falzon u is-Sur Paul Borg ikunu responsabbli mix-xogħol ta’ restawr ta' l-istatwi ta’ San Pawl u ta’ San Ġorġ liema restawr għandu jitlesta sat-13 ta’ Ottubru u sal-31 ta’ Diċembru 2010 rispettivament.

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat u l-Kunsill unanimament approva.

**40/04/03 TENDER KIRI TA’ KJOSK FI ĠNIEN DE LA CRUZ**

Is-Sindku nforma li s-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta’ nhar il-Ġimgħa 16 ta’ Lulju 2010, u fil-Gazzetta Independent ta’ nhar l-Erbgħa 21 ta’ Lulju 2010, Kiri ta' Kiosk Ġnien de la Cruz.

Il-kaxxa tat-Tenders infetħet il-Ġimgħa 13 ta’ Awwissu f’nofs inhar mis-Segretarju Eżekuttiv John Farrugia, fil-preżenza tal-Kunsilliera Thomas Harmsworth u Angelo Briffa. Għal din is-sejħa l-Kunsill ma rċieva l-ebda offerta. Għalhekk il-Kunsill unanimament qabel li s-sejħa terġa’ tinħareġ. **DOK 'C6'**

**40/05 SOSPENSJONI TA' L-ORDNI TA' L-AĠENDA**

**Is-Sindku** talab li l-Kunsill jissospendi l-ordni tal-laqgħa u flok item numru 5 il-Kunsill jgħaddi għall-item numru 6 Approvazzjoni ta' Attivitajiet organizzatti mill-Kunsill flimkien ma' l-Għaqdiet.

**Il-Kunsill** unanimament approva.

**40/06 ATTIVITAJIET ORGANIZZATI MILL-KUNSILL FLIMKIEN MA' L-GĦAQDIET**

Is-Sindku Jesmond Aquilina ressaq u qara korrispondenza uffiċjali mill-Qormi Bread Festival 2010 u l-Pastoral Liturgical and Youth Group, mibgħuta fit-2 ta' Lulju 2010 mis-sur Stefan Gauci Scicluna, kif ukoll korrispondenza oħra fuq l-istess suġġett bid-data tal-15 ta' Lulju 2010, liema kopji kienu ċċirkolati lill-Kunsilliera kollha. **DOK 'D1-2'**

**Is-Sindku** fisser li l-*Pastoral Liturgical and Youth Group,* li jorganizzaw il-Qormi Bread Festival, kienu ressqu talba għal support finazjarju għall-attivita' ta' l-2010. Huwa fisser li ma' dawk l-ispejjeż proposti wieħed irid iżid l-ispejjeż tat-tħaddim tal-Pulizija, spiża li l-Maġġur informa kienet se tlaħħaq mad-950 euro, il-ftuħ tal-latrini matul il-ġranet ta' l-attivita' sal-11.30pm u t-tindif kollu tat-toroq.

**Is-Sindku** fisser li flimkien mal-Kunsillier Jason Busuttil kienu ltaqgħu mas-sur Stefan Gauci Scicluna fejn ddiskutew l-korrispondenza u kien hemm qbil li kellha tintbagħat ittra lill-Kunsill fejn jiġi indikat l-ispejjeż tal-attivita'. Fil-laqgħa kien iċċarat li l-ispiża tal-knis u t-tindif, kif ukoll tal-ftuħ tal-latrini dejjem kienu responsabbilta' tal-Kunsill u qatt ma kienu parti mill-ispejjeż li l-Kunsill ħareġ għall-attivita'. Il-Kunsill dejjem ħareġ Euro 1,165 kif ukoll ħallas nofs l-ispejjeż tas-servizz tal-pulizija għal din l-attivita. Għalhekk sar qbil mas-sur Stefan li se jerġa' jiġi lura bi proposti ġodda li jlaħħqu Euro 1,165 u nofs l-ispejjeż tal-pulizija. Is-Sindku fisser li fl-istess żmien jidher li nħolqu xi ntoppi bejn nies mill-lokalita' li kienu jieħdu sehem f'din l-attivita' u l-PLYG. Għalhekk saret laqgħa oħra.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** hawnhekk ressaq rendikont tal-laqgħa li kienet inżammet l-Erbgħa ta' qabel fil-Kunsill, fejn attendew is-Sindku u l-Kunsillier Jason Busuttili, is-sur Stefan Gauci Scicluna f'isem il-PLYG, is-Sur Nenu Debono u ibnu Mario. Waqt din il-laqgħa qam diżgwid meta kien qed isir recording tal-laqgħa mingħajr ma kien hemm l-ebda ftehim li jsir dan.

Il-Kunsillier Busuttil fisser li wara dik il-laqgħa, nżammu laqgħat oħrajn bejn il-Kappillan u s-Sindku u l-Kappillan ma' Kunsilliera, u l-Kunsill ingħata nformazzjoni li lis-sur Stefan kienu barxulu l-karozza. Huwa sostna li dawn huma ħwejjeġ li kulħadd jikkundanna. Il-Kunsillier Busuttil kompla jfisser li l-Kunsill dejjem ħadem mal-għaqdiet kollha taż-żewġ Parroċċi , kif ukoll ma' l-għaqdiet tal-Knisja u l-Kunsill dejjem involva ruħu u għen f'kull attivita' li ttellgħet fil-lokalita'. Għalhekk kien qed jipproponi li kif dejjem sar, l-affarijiet għandhom jibqgħu jsiru skont il-proċeduri finanzjarji u skont il-liġi tal-Kunsill, biex b'hekk il-Kunsill ma jidħol fl-ebda sqaq, kif ukoll sabiex kull attivita' li jidħol għaliha l-Kunsill tibqa bil-għan li tippromwovi l-għaqdiet lokali, kif ukoll l-attivita'

kummerċjali tal-lokalita', u jkun hemm l-involviment ta' l-istess komunita' kummerċjali lokali.

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** fissret kif kienet avviċinata mill-Kappillan dwar il-Bread Festival fejn qalet li fissritlu li l-Kunsill żgur ma kienx sejjer jiddiskrimina ma' ħadd u kif dejjem għamel fil-passat kien se jgħin din is-sena wkoll. Hija fissret li fuq bażi personali kienet avviċinata miż-żewġ partijiet, sew l-organizzaturi tal-Festival kif ukoll mis-sur Debono, u ħadmet sabiex l-affarijiet jitranġaw. Hija tenniet l-opinjoni tagħha li jkun żball li mil-lokalita' jinqatgħu nies bħal Maypole u jiddaħħlu oħrajn minn barra minflok. Hija sostniet li kulħadd għandu jkollu postu f'attivitajiet mtella' fil-lokalita' mill-Kunsill, bil-komunita' kummerċjali lokali fuq quddiem nett ta' dawn l-attivitajiet. Għalhekk hija pproponiet li tressaq mozzjoni sabiex bħas-snin ta' qabel il-Kunsill japprova n-nefqa ta' Euro 1,165 u nofs l-ispiża tas-servizz tal-pulizija u bħas-soltu t-tindif kollu tat-toroq u l-ftuħ tal-latrini fil-ġranet ta' l-attivita'. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Angelo Briffa.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona addenda għall-mozzjoni sabiex dak li qed jitressaq fil-mozzjoni jkun b'kondizzjoni li l-Kunsill jingħata nformazzjoni bil-miktub mill-kappillan u l-Kumitat tat-tmexxija tal-organizzaturi tal-*Qormi Bread Festival* u l-PLYG bir-rwol definit taż-żgħażagħ qriema u l-parteċipazzjoni tagħhom f'dan il-festival. Din l-informazzjoni għandha tasal għand il-Kunsill sat-Tlieta, 31 ta' Awwissu.

**Is-Sindku** talab li jressaq u jaqra l-korrispondenza mibgħuta lill-Kunsill mis-sur Nenu Debono dwar dan il-każ, liema kopja kienet ukoll iċċirkulata ma' l-aġenda, fejn din l-ittra ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-opinjoni tas-sur Debono dwar dak li qed iseħħ. **DOK 'E'**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** tenna li ħadd mill-Kunsill mhu kontra li l-Kunsill jgħin biex jittellgħu dawn l-attivitajiet fil-lokalita' u għalhekk il-Kunsill għandu jibqa' jipparteċipa b'dawn l-attivitajiet. Iżda l-Kunsill jeħtieġ li jibda jkollu aktar rispett mingħand kulħadd u għandu dejjem jibqa' jfittex li ma jitwarrbux nies qriema minn dawn l-attivitajiet.

Meta s-Sindku reġa' ppropona addenda għall-mozzjoni proposta, sabiex il-mozzjoni tkun bil-kondizzjonijiet kif imfissra aktar qabel, is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li ż-żewġ proposti għandhom ikunu separati minn xulxin, u mhux waħda bħala kundizzjoni għall-mozzjoni. Kien għalhekk maqbul li l-ewwel il-Kunsill għandu jitlob u jirċievi l-informazzjoni kif proposta, u wara li l-Kunsill ikun soddisfatt bl-informazzjoni li jirċievi, jgħaddi sabiex fis-seduta ta' wara jressaq il-mozzjoni proposta.

Kien hemm qbil dwar dan u l-Kunsilliera Margaret Mercieca rtirat il-mozzjoni għal seduta oħra.

Hawnhekk is-Sindku ppropona li sakemm il-Kunsill jirċievi l-informazzjoni mitluba, kien qed jirtira milli jieħu sehem fil-*Press Conference tal-Qormi Bread Festival*, li se ssir l-għada l-Erbgħa, kif

ukoll li tiġi rtirata l-istedina lill-PLYG għall-Press Conference tal-Kunsill tal-Ġimgħa 24 ta' Awwissu. Dan kollu jkun sospiż appena l-Kunsill jirċievi l-informazzjoni kollha mitluba.

**Il-Kunsill unanimament qabel** ma' dawn il-proposti.

**40/06** ***QUARTERLY FINANCIAL PERFORMANCE REPORT U FINANCIAL SITUATION INDICATOR REPORT APRIL – JUNE 2010***

**Is-Segretarju** poġġa fuq il-Mejda t-tieni rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur – mill-1 ta' April 2010 sat-31 ta' Ġunju 2010, għall-attenzjoni tal-Kunsill, flimkien mar-rapport *Financial Situation Indicator* għall-istess kwart tas-sena. Ir-rapporti kienu mqassma mad-dokumenti tas-seduta u ttieħdu bħala moqrija. **DOK 'F1-2'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għad-dħul u l-infieq f'dawn it-tielet tlett xhur ta' din is-sena finanzjarja fejn ir-rapport finali jindika li l-Assi tal-Kunsill fit-30 ta' Ġunju 2010 jammontaw għal €119,109 jew 13.65% tal-ammont allokat mill-Gvern Ċentrali, skond id-dispożizzjoni ta' AL 323 P1.05 (d.07) (i) u AL 324 Sezzjoni 2 (bi), fejn b'hekk fl-ewwel tlett xhur il-Kunsill reġa' ġie f'qagħda finanzjarja pożittiva, wara li fl-aħħar tas-sena finanzjarja 2009, il-Kunsill kien mġiegħel mill-awditur jieħu proviżjoni qawwija għall-ammont ta' taħrikiet mhux imħallsa sal-2007.

**40/07** **MOZZJONI 104/2010 FESTIVAL TA' L-INBID 2010**

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ressaq il-Mozzjoni 104/2010 (V) dwar il-**Festival tal-Inbid 2010**

"Għas-sitt sena konsekuttiva, l-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ se jerġa' jorganizza l-Festival tal-Inbid 2010. Dan il-Festival se jiġi organizzat nhar il-Ġimgħa 3 u Sibt 4 ta' Settembru 2010.

Nipproponi għalhekk li l-Kunsill japprova s-somma ta' € 2,500.00 sabiex jittella' dan il-Festival ta' l-Inbid."

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** fisser li l-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ qed ikompli jaħdem sabiex itella' attivita' oħra fuq skala nazzjonali, u din s-sena wkoll se jkunu organizzati żewġ iljieli b'mod professjonali, b'attivitajiet u kompetizjonijiet ġodda, sew ta' l-inbid kif ukoll ta' *Flower Arrangements*. Din l-attivita' illum ħadet postha fil-kalendarju lokali u nazzjonali u għalhekk din is-sena mistennija attendenza qawwija, f'dawn l-iljieli. Huwa fisser li l-ammont li qed jipproponi qed jiżdied fuq

is-sena ta' qabel, minħabba li fil-preżent m'hemm l-ebda ftehim mal-għaqdiet u l-ispejjeż fl-organizzar professjonali llum kibru. Barra minhekk il-Kunsill jieħu ħsieb 50% tal-ħlas għall-kiri tal-mobile toilets u tal-ħlas għas-servizz tal-Pulizija.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni **tal-Mozzjoni nru 104/2010 (V)**.
**Ivvutaw Favur** id-disa' (9) Kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsill approva unanimament** il-Mozzjoni nru 104/2010 (V).

## 40/08 MOZZJONI 105/2010 LEJL F'CASAL FORNARO 2010

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ressaq il-Mozzjoni 105/2010 (V) dwar l-attivita' Lejl f'Casl Fornaro 2010.

"Wara s-suċċess li nkiseb matul dawn is-sentejn li għaddew, il-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi mistennija terġa' torganizza l-attivita' 'Lejl f'Casal Fornaro'. Din l-attivita' se tinżamm nhar is-Sibt 16 ta' Ottubru 2010 fi Triq il-Kbira u t-toroq li jmissu magħha.

Għaldaqstant nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' € 2,500.00 bħala parti mill-ispejjeż sabiex tittella' din is-serata."

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** fisser kif għal sena oħra din l-attivita' sejra tkun organizzata fuq skala nazzjonali, bil-għajnuna finanzjarja mogħtija mis-Segretarjat għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, kif ukoll bl-involviment ta' l-istess Kunsill, din l-attivita għandha isservi sabiex tkun mera ta' Ħal Qormi, sew fl-organizzazzjoni, sew fl-għaqda u l-kapaċitajiet tal-għaqdiet li jorganizzaw attivita' ta' dan il-livell dwar il-ħobż u l-inbid. Ippropona wkoll li l-Kunsill jieħu ħsieb 50% tal-ħlas għall-kiri tal-mobile toilets u tal-ħlas għas-servizz tal-Pulizija.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni **tal-Mozzjoni nru 105/2010 (V)**.
**Ivvutaw Favur** id-disa' (9) Kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsill approva unanimament** il-Mozzjoni nru 105/2010 (V).

## 40/09 RAPPORTI OĦRA

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq bil-permess tal-Kunsill numru ta' rapporti dwar attivitajiet u xogħol ieħor li saru mill-Kunsill: **DOK 'G 1-6'**

1. Korsijiet mtella' mill-Kunsill matul is-sena 2010
2. L-istat tal-istatwa tal-Madonna tal-Ħlas
3. Triq l-Iljun – Indafa u kundizzjoni tat-triq
4. Triq is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas 1
5. Triq is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas 2

6. Triq ta’ Farsina –Ħmieġ u tindif tat-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv fisser li f'dawk l-aħħar ġimgħat saret kampanja ta' tindif qawwija f'numru ta' areas fejn qed isir rimi ta' skart, speċjalment fi Triq ta' Farzina fejn l-istess rapport u ritratti jindikaw l-abbuż li qed iseħħ.

**40/10 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-lista ta’ Korrispondenza li l-Kunsill irċieva; **DOK 'H 1-8'**

**40/10/01** **Is-Sindku** ressaq korrispondenza minn Dr. Henry Antoncich f'isem is-sur Nicholas Grech dwar sentenza deċiża mill-Qorti ta' l-Appell dwar il-każ Maltacom plc vs Nicholas Grech li kien beda fit-tielet Kunsill fl-2002. L-avukat fisser li din il-kawża kienet tirrigwarda ħsara li saret fil-cables tat-telefon tal-Maltacom liema cables kienu jinsabu fil-wied taħt Triq il-Mitħna, meta s-Sur Grech kien imqabbad mill-Kunsill sabiex jagħmel xogħol ta' tindif tal-Wied ta' Ħal Qormi taħt il-bridge ta' triq il-Mitħna, billi kien hemm kwantita ta' terrapien u ħamrija li kien qed jostakola l-fluss ta' l-ilma. Dan kien xogħol extra ta' tindif u l-ebda applikazzjoni għall-permessi ma kienet saret mill-Kunsill. Fil-fatt għalkemm din il-kawża saret mill-Maltacom vs Nicholas Grech il-Kunsill mill-ewwel kien ta' s-sostenn tal-Avukat tal-Kunsill tul il-Kawża. L-avukat talab sabiex "kif il-Kunsill dejjem mexa b'ċerta ko-operazzjoni, issa f'dawn iċ-ċirkostanzi, b'kont ta' Euro 23,338.13 apparti l-ispejjeż u d-dmirijiet tal-Konsulent legali fl-ammont ta' Euro 3,065.51, huwa qed jittama li din il-ko-operazzjoni tissarraf billi l-klijent ikun mgħejjun finanzjarjament ħalli tinqasam l-ispiża kollha li hemm". Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkostanzi kif seħħew l-fatti kien lest li jidħol għal nofs l-ispiża, kemm-il darba jkollu konferma mid-Dipartiment li qed jimxi mar-regolamenti finanzjarji .

**40/10/02** **Is-Sindku** ressaq numru ta' ittri minn Transort Malta kif ukoll mingħand residenti u kummerċjanti oħra li jirrigwardaw is-sitwazzjoni fi Triq il-Mitħna.

Transport Malta – Zebra Crossing/Pelican Crossing f’Mill-Street
Transport Malta – Triq il-Mithna / Triq il-Kummerc
Anthony Grech Sant – Email 02-08-2010 Mill-Street
Modular & Willis Bros – Ittra 12-05-2010 Mill Street

**Is-Sindku** fisser li l-aħjar li tkun organizzata laqgħa ma' Transport Malta dwar dan is-suġġett.

**40/10/03** **Is-Sindku** ressaq korrispondenza oħra minn Transport Malta dwar:
Transport Malta – Calming Measures Triq Aloisio & Trejqa San Gorg
Transport Malta – Unloading Bay Triq Anici.

**40/10/04** **Is-Sindku** ressaq il-kopji Minuti laqghat tar-Regjun Nofsinhar għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**40/11** **LISTA TA' MEMOS (IMPORTANTI) LI KIENU IĊĊIRKULATI BL-EMAIL**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-lista ta' Memos li l-Kunsill irċieva. **DOK 'J'**

**40/12** **Il-Kunsilliera Jeffrey Camilleri u Thomas Harmsworth** talbu li jkunu skużati mil-laqgħa fid-disa' ta' fil-għaxija.

**Il-Kunsilliera awguraw** lill-Kunsillier Jeffrey Camilleri x-xewqat sbieħ għat-twelid ta' tarbija dakinhar.

**40/13** ***LOCAL GOVERNMENT ASSOCIATION* – PATT TAS-SINDKI**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar proġett li jissejjaħ ENESCOM illi jitratta il-Patt tas-Sindki li huwa inizjattiva mill-Unjoni Ewropeja sabiex il-lokalitajiet inaqqsu l-emissjonijiet b'20% sas-sena 2020. L-Assoċjazzjoni qed tħajjar lill-Kunsill sabiex jidħol fil-Patt tas-Sindki u tressqu numru ta' dokumenti dwar il-Patt tas-Sindki. **DOK 'K 1-5'**

**Is-Sindku** ressaq il-mozzjoni sabiex il-Kunsill jissieħeb fil-Patt tas-Sindki u l-**Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat.

**Il-Kunsill unanimament approva** li l-Kunsill jissieħeb fil-Patt tas-Sindki

**40/14** **TOWN TWINNING CONFERENCE – RE MEMO 37/2010**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-konferenza internazzjonali dwar il-ġemellaġġ, u l-istedina sabiex il-Kunsill jipparteċipa flimkien ma' delegazzjoni minn Feyzin f'din il-Konferenza internazzjonali . **DOK 'L'**

**Il-Kunsill** unanimament approva l-parteċipazzjoni f'din il-konferenza.

**40/15** **AĠĠORNAMENT**

Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-**Tlieta 14 ta' Settembru 2010** fis-7:00 ta' fil-għaxija.
Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | John Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2010.
(Jum) (Data) (Xahar)